# REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 30 ta' 2026, miżmuma nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Mark Deguara (18.00hrs) | Naxxar | Delegat |

| | | |
|---|---|---|
| • Bjorn Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

## AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 29
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta’ pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-17:30 ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President informa li l-Kunsillier Norbert Dalli u l-Kunsillier Aiken Zerafa huma skużati, filwaqt li l-Kunsillier Mark Deguara qiegħed jattendi il-laqgħa minflok s-Sindku Dot.Christopher Deguara.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.29**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 29 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda Punti mill-minuti Nru.29

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Pellegrinaġġ – Passi ta’ Pawlu, Father Kevin Sciberras**

Il-President informa li r-Reġjun laqa’ madwar tletin parteċipant Taljan mill-Gżira ta’ Elba li ġew fuq pellegrinaġġ ma’ Father Kevin Sciberras. Bħala ospitalità, ingħatatilhom ftira tradizzjonali Maltija. Il-President żied jgħid li dawn huma okkażjonijiet tajbin għan-networking u għall-iżvilupp ta’ opportunitajiet ġodda.

**3.2 Aġġornament - Clean Up - fl-inħawi tal-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa**

Il-President informa li l-Clean Up imsemmija fil-laqgħa numru 28, punt 3.5, li kienet ippjanata għall-10 ta' Jannar, kellha tiġi posposta minħabba l-maltemp. Din ma setgħetx issir lanqas fil-24 ta' Jannar 2026 kif kien imħabbar, minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp. Il-President spjega li se tiġi stabbilita data ġdida aktar 'il quddiem, skont il-previżjoni tat-temp u d-disponibbiltà tal-partijiet involuti. Huwa żied li l-attendenza tal-mascot Xummiemu u l-assistenza tad-Division tal-Cleaning and Maintenance se jiġu kkonfermati mill-ġdid ladarba tiġi deċiża d-data l-ġdida.

**3.3 Aġġornament – Kunsill Lokali Mosta – Ghajnuna Finanzjarja (Ktieb)**

Il-President informa li kwalunkwe għajnuna finanzjarja mogħtija mir-Reġjun għandha tkun sostnuta b'dokumentazzjoni xierqa, u li rifużjonijiet għandhom jingħataw biss kontra fatturi u riċevuti fiskali għal oġġetti jew servizzi li jkunu diġà nxtraw.

Il-Kunsillier Mark Deguara ngħaqad mal-laqgħa fis-18:00

**3.4 Aġġornament – Kunsill Lokali Għargħur**

Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Tramuntana ilu madwar sena jitlob ħlas ta' servizz lill-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Dan is-servizz kien ingħata fl-2021 meta impjegati mir-Reġjun Tramuntana kienu qed jipprovdu l-għajnuna tagħhom is-Sibtijiet lill-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Minħabba li nbidel il-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku attwali qed jitolbu evidenza li dan ix-xogħol fil-fatt sar. Minkejja li r-Reġjun ipprovda silta mil-minuti ta' dak iż-żmien u informa li l-impjegati li wettqu dan ix-xogħol għadhom jaħdmu mar-Reġjun, il-Kunsill baqa' jinsisti li tintbagħat evidenza konkreta. Waħda mill-impjegati għandha messaġġi ta' WhatsApp ta' dak iż-żmien li juru l-korrispondenza bejn l-impjegata u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Għargħur ta' dak iż-żmien. Malli tinkiseb l-approvazzjoni tagħha biex dawn il-messaġġi jintużaw, dawn se jintbagħtu lill-Kunsill bħala evidenza. L-ammont dovut huwa ta' madwar €1,050.

**Arkivji – Kumitat Konġunt**

Id-diskussjoni kompliet fuq suġġett differenti, fejn ġie nnotat li fl-arkivji tar-Reġjun Tramuntana għad hemm ammont sostanzjali ta' każijiet u dokumentazzjoni li tmur lura għall-perjodu meta r-Reġjun kien jopera bħala Kumitat Konġunt. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li

hemm komunikazzjoni pendenti sabiex tittieħed deċiżjoni dwar x'għandu jsir b'dawn l-arkivji, peress li dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun kif kompost illum.

**3.5 Aġġornament – il-Proġett Mużikali Kollaborattiv mar-Regjun Tramuntana b'risq Puttinu Cares**

B'referenza għall-laqgħa numru 27, punt 3.3, il-President informa li wara bosta tentattivi biex jinġabru lura l-fondi li ngħataw bħala għajnuna sabiex dawn ikunu jistgħu jingħataw direttament lil Puttinu Cares, dan għadu ma seħħx minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni u diżgwid bejn il-promoturi tal-proġett.

**3.6 Commercial Fitness Activities and Personal Training in Public Open Spaces**

Il-President informa lill-membri preżenti li fuq il-midja soċjali ġew innutati riklami ta' servizzi privati ta' *personal training* li qed isiru f'postijiet pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat email lill-kunsilli kollha sabiex tinġabar informazzjoni dwar il-prassi li tittieħed f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Wara diskussjoni fid-dettall, il-membri wrew ix-xewqa li tinħoloq *bye-law* għal kull kunsill li tirregola dan it-tip ta' attività kummerċjali b'użu ta' spazji pubbliċi. Ser jiġu riveduti ċerti kriterji u jsir abbozz ta' *bye-law*.

Kien hemm qbil li r-Reġjun ser jassisti fit-tfassil ta' *bye-law* għal kull Kunsill individwali.

**3.7 Kwotazzjoni ta' xiri ta' oġġetti – Kotba ġodda għall-libreriji tar-Reġjun.**

Il-President informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv għamel rikjesta ta' kwotazzjonijiet għal kotba ġodda sabiex jitqassmu lill-libreriji tal-lokalitajiet tar-Reġjun. Il-Viċi President Dr Angelo Micallef informa li fil-lokalità ta' Balzan m'hemmx librerija, filwaqt li s-Sindku Paul Vella nnota li l-librerija tal-Mġarr bħalissa qed tintuża bħala klassi u għaldaqstant mhux ser jinxtraw kotba għal dik il-lokalità.

Il-membri qablu li dawn il-kotba jinxtraw. Ir-Reġjun se jistenna aktar informazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jżidu ma' din l-ordni għall-libreriji tal-lokalità tagħhom. S'issa, il-kwotazzjonijiet li nġabru jammontaw għal madwar €1,800 għal ċirka 150 ktieb.

**3.8 Kwotazzjoni ta' xiri ta' oġġetti – Bnadar uffiċjali li jintużaw ġewwa.**

Il-President informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv għamel rikjesta ta' kwotazzjonijiet għal sett ta' bnadar (Malta / Ewropa / Reġjun / Kunsill). Wara diskussjoni, il-membri qablu li jinformaw lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' email bir-rikjesti tagħhom.

**3.9 Talba għall-Identifikazzjoni ta' Hotspots – Skeda ta' Monitoraġġ Reġjonali tal-ERA (Frar/Marzu 2026)**

Il- President informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat komunikazzjoni dwar it-talba tal-ERA sabiex jiġu identifikati hotspots fil-lokalitajiet tar-Reġjun, skont il-linji gwida u l-limiti stabbiliti mill-Awtorità. Il-membri ġew imħeġġa jibagħtu d-dettalji mitluba sabiex ir-Reġjun ikun jista' jikkoordina s-sottomissjoni b'mod effettiv.

**3.10 Risk Assessment for small community Events**

Il-Membri ġew informati li ntbagħtet email lill-OHSA mis-Segretarju Eżekuttiv u li r-Reġjun għadu qed jistenna risposta.

**3.11 Aġġornament – Tibdil tal-Kċina fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun**
Il-President informa lill-membri li l-Ġimgħa d-dieħla, fis-26 ta' Frar, se jsiru x-xogħlijiet rikjesti mill-*electrician* sabiex tittejjeb l-istruttura tal-plakek u jitlesta x-xogħol preparatorju għall-installazzjoni tal-kċina l-ġdida fid-data proposta tat-Tnejn, 2 ta' Marzu 2026.

**3.12 Aġġornament - APS Community Outreach - Scam Awareness Talk**

B'referenza għall-laqgħa numru 29, punt 3.3, il-President informa lill-membri li t-talks kollha saru u li r-rappreżentanti mill-APS responsabbli għal din l-inizjattiva ser joħorġu *press release*.

**3.13 Kommunikazzjoni mid-DGL dwar live Streaming tal-laqgħat**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun irċieva komunikazzjoni mis-sezzjoni tal-monitoraġġ tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, li fiha ġie mitlub li r-Reġjuni jirregolarizzaw ruħhom u jkollhom l-apparat neċessarju sabiex il-laqgħat reġjonali jkunu jistgħu jixxandru *live*. Wara diskussjoni, il-membri qablu li jiġu rikjesti kwotazzjonijiet għall-materjal

essenzjali meħtieġ biex il-laqgħat ikunu jistgħu jixxandru *live*, kif ukoll sabiex ir-Reġjun jirregolarizza ruħu skont il-proċeduri stabbiliti.

**3.14 Proġett CERV Youth Hubs of Europe project**

Il-President ħabbar li r-Reġjun ġie approvat bħala wieħed mill-partners f’dan il-proġett imsemmi hawn fuq. Huwa spjega li dan il-proġett huwa ferm simili għall-proġett *Rural Youths* li sar fis-snin li għaddew, u li jipprovdi opportunità tajba ħafna għaż-żgħażagħ ta’ bejn it-18 u t-30 sena biex jipparteċipaw. Ġie indikat li aktar informazzjoni ser titqassam aktar ’il quddiem.

**3.15 Aġġornament – Awditjar tal-Kontijiet Finanzjarji 2025**

Il-President informa lill-membri li l-*fieldwork* (awditjar) tal-*Financial Statements* tas-sena 2025 ser jibda nhar it-Tnejn, 4 ta’ Mejju 2026.

**3.16 Aġġornament – Servizz ta’ Avukat għal Reġjun Tramuntana**

Il-President laqa’ lill-Avukat minn Sciberras Advocates li bħalissa qed jipprovdi servizzi legali lir-Reġjun. Ġie miftiehem u approvat li l-Avukat ser jassumi r-responsabbiltà ta’ *Data Protection Officer* tar-Reġjun. L-Avukat ta’ introduzzjoni tiegħu lill-membri, fejn spjega n-natura tas-servizzi li joffri fil-kapaċità tiegħu bħala avukat indipendenti, mhux affiljat ma’ ebda partit politiku.
Il-Kunsilli li jkollhom bżonn dan is-servizz għandhom jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv qabel ma ssir kwalunkwe talba formali mal-Avukat. Is-servizz jingħadd minn ammont ta’ sigħat li ser jiġu allokati kull xahar bħala parti mis-servizzi provduti lir-Reġjun.
Il-membri rringrazzjaw lill-Avukat għall-introduzzjoni tiegħu u lir-Reġjun talli qed joffri dan is-servizz speċjalizzat.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Dale Hayman staqsa jekk ir-Reġjun hux ser jipprovdi għajnuna finanzjarja għall-xiri tal-ikel għall-qtates li jgħixu barra (*stray cats*). Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ntbagħtu rikjesti ta’ kwotazzjonijiet relatati man-*neutering* tal-qtates; iżda r-Reġjun jinsab kontra li tingħata għajnuna finanzjarja għall-xiri tal-ikel minħabba li nnotat li f’ċerti kolonji qed iseħħ ammont sostanzjali ta’ ħela ta’ ikel. Wara li jiġu finalizzati l-kwotazzjonijiet, ir-Reġjun ser jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-proċeduri li ser jiġu offruti.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Preżentazzjoni tar-Rapport – *Sustainable Waste Management: Three-Year Performance Metrics – Deep Review of Reġjun Tramuntana's Waste Statistics* magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport dwar l-iskart (door to door waste collection) għall-perjodu 2023–2025 fir-Reġjun Tramuntana, fejn enfasizza żieda ta' 28% fis-separazzjoni tal-iskart organiku iżda identifika nuqqasijiet sistemiċi kritiċi. Huwa wera ukoll nuqqas ta' konformità mill-kuntrattur fir-rigward "combined collection", li kien nieqes minn użin individwali u GPS tracking, u dan wassal għal ineżattezzi fid-data u "ghost tonnage" (tunnellaġġi mhux verifikati).
Ir-rapport indirizza pressjonijiet demografiċi kif ukoll minn setturi bħal dak tat-turiżmu u l-użi kummerċjali.

Skrutinju b'iżjed reqqa diġà wassal għal tnaqqis ta' 98.9% fid-difetti tad-*data* tal-iskart organiku. Abbażi tar-rapport ta' tliet snin tar-Reġjun Tramuntana, il-ġenerazzjoni tal-iskart reġjonali wriet ix-xejriet ta' tkabbir li ġejjin:

- Skart Organiku: Dan il-fluss ra l-aktar tkabbir sinifikanti, b'żieda ta' 28% fuq il-perjodu ta' tliet snin (minn 5,344.20t għal 6,822.86t).
- Skart Imħallat (Borża s-Sewda): Il-ġbir residenzjali minn dar għal dar żdied bi 11% b'mod ġenerali (minn 22,292.00t għal 24,802.38t).
- Riċiklabbli (Borża l-Griża): Dan il-fluss żamm żieda kostanti ta' 8% b'mod ġenerali, fejn laħaq l-ogħla livell ta' 5,847.70t fl-2025.
- Ħġieġ: Il-ġbir ra qabża ta' 17% fl-2024 iżda tnaqqis ta' 13% fl-2025, li rriżulta f'żieda totali marġinali ta' 2% matul it-tliet snin.
- Skart Imħallat (Skips): Wara interventi mmirati, l-iskart fl-iskips tnaqqas b'40% matul il-perjodu kollu.
- Total ta' Skart Imħallat: Meta tgħaqqad flimkien l-iskart tal-Borża s-Sewda u dak tal-Iskips, kien hemm żieda netta ta' 6% matul il-perjodu ta' studju

Il-President ħa l-opportunità jfakkar lill-membri fil-laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli dwar dan is-suġġett, fost oħrajn, li ser issir nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu 2026, fl-10:00 ta' filgħodu.

**5.2 Diskussjoni u approvazzjoni għat-tibdil u x-xiri ta' VRF air-conditioning system għall-uffiċċju, kif ukoll għall-xogħlijiet infrastrutturali relatati.**

B'referenza għall-laqgħa numru 29, item 5.2, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-kwotazzjonijiet li rċieva r-Reġjun. Ġie spjegat li, minkejja li oriġinarjament kienu nġabru diversi *quotes*, dawn ma kinux qed joffru l-istess speċifikazzjonijiet minkejja l-istruttura tal-uffiċċju. Għaldaqstant, wara riċerka dettaljata dwar liema sistema tkun l-aktar adattata għall-uffiċċju, is-suppliers ġew mitluba jibagħtu kwotazzjonijiet speċifiċi sabiex ikun assigurat li kulħadd ikun qed joffri l-istess sistema u l-istess livell ta' servizz.

Is-Segretarju spjega li bħalissa s-sistema qed taħdem fuq kompressur wieħed, iżda sabiex ma terġax tinħoloq l-istess problema fil-futur, ikun aktar għaqli li jiġu installati żewġ sistemi separati. Wara diskussjoni fid-dettall, li matulha saru diversi mistoqsijiet dwar is-sistemi offruti, ġie propost li jintgħażel is-supplier li qed joffri żewġ sistemi b'*outdoor capacity* ta' 33.5KW għal kull kompressur u *indoor capacity* ta' 16.8KW u 28.3KW rispettivament. Din is-sistema qed tiġi offruta għal madwar €16,500.00, u minkejja li mhijiex l-irħas kwotazzjoni (b'differenza ta' madwar €800), hija l-aktar waħda vantaġġuża f'termini ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.

Fuq proponiment tas-Sindku Pawlu Vella, issekondata mis-Sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu sabiex isiru l-passi meħtieġa u jsir pressjoni biex ix-xogħol jitwettaq kemm jista' jkun malajr bl-użu ta' direct order minħabba l-urġenza tiegħu, l-istaġun tas-sajf li dieħel ġmielu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-istaff, kif ukoll il-konsiderazzjoni għall-membri tat-Tribunal u għall-persuni li jżuru l-uffiċċji tar-Reġjun u t-Tribunal

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 198 għall-perjodu bejn l-15 ta' Jannar 2026 u l-18 ta' Frar 2026.

Il-Perit Ċensu Galea staqsa dwar il-pagament Nr. 24 fi Skeda Nr. 198. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa ntbgħatet imejl lill-kuntrattur sabiex jghati spjegazzjoni dettaljata dwar l-fatturi li qedin jintbghatu lir-Regjun kemm ta' kull xahar kif ukoll l-invoice ta l fuq minn €5000 li tintbghat darba f'sena. Fuq qbil unanimu dawn il-pagamenti mhumiex ser jithalsu sakemm jiġu pprovduti d-dokumenti rikjesti.

L-iskeda ppreżentata ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Perit Ċensu Galea, issekondata mis-Sindku Pawlu Vella, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.45 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026